FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

30 ta' Jannar 2014

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tmienja u Ghoxrin (28) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tmienja u Ghoxrin (28) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 8 ta' Jannar 2014 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Performance Appraisal Reports tal-Impjegati tal-Kunsill
10. Performance Appraisal Report tas-Segretarju Ezekuttiv
11. Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena
12. Parkegg tad-Dipartiment tal-Kura Primarja
13. Bankini u Asfaltar Balzunetta
14. Tmiegh ta` qtates
15. Jum il-Housing
16. Jum il-Floriana
17. Isle of MTV
18. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tmienja u Ghoxrin (28) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda wara materja nru 1.2.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sitta u ghoxrin (26) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 17:33 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

1.3 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.5 Il-minuti tas-sebgha u ghoxrin (27) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.6 Il-minuti msemmija f'1.5 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.11 (26) u saqsa jekk il-Kunsill kienx ittermina l-kuntratt tal-gheluq tal-bibien tas-subways. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-bibien tas-subways kienu gew irrangati u ghalhekk is-subways kienu qed jibqghu jinfethu u jinghalqu bhal qabel.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.12 (26) u saqsa rigward l-offerta' tal-qbid tal-hamiem. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din l-offerta' kienet giet irtirata mill-offerent.

2.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 3.6 (27) u saqsiet jekk kienx hemm xi zvilupp rigward l-ilment ta' kollezzjoni li ma ngabritx. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kien ivverifika mar-resident li l-oggett ma kienx qieghed isfel.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.7 (27) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp fuq il-vettura li biha jsir is-servizz ta' gbir ta' skart goff. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien tkellem mal-kuntrattur fejn il-kuntrattur kien gie nformat li l-vann ma kienx dak irregistrat mal-Kunsill. Is-Sindku kompla billi qal li l-kuntrattur kien talab li jinghata cans sabiex iressaq talba lill-Kunsill ghall-bidla fil-vettura. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat ittra formali lill-kuntrattur fejn jinghata cans gimgha sabiex iressaq it-talba msemmija.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.17 (27) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp rigward is-sitwazzjoni tad-dawl fil-KGV. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien qababd electrician nsill sabiex jaghmel xi tiswijiet fuq is-sistema, (balancing tal-loads fuq il-

phases) izda milli jidher is-sitwazzjoni kienet baqghet l-istess u l-problema ma ssolvitx. Is-Sindku Nigel Holland ressaq proposta sabiex il-Kunsill ikollu inginier jew electrician wiehed li jkun jista' jsegwi kaz mill-bidu sal-ahhar u fejn il-kuntrattur jaghti s-soluzzjonijiet lill-Kunsill u ma jithallasx jekk ma jkunx sab l-gherq tal-problema. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ghal electrician tal-Kunsill. Il-Kunsill qable ukoll li ghandu jitqabbad Inginer immedjatament sabiex tissolva l-problema.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.24 (27) u saqsa meta kienet ser tasal u titwahhal il-book box. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din ghandha tasal il-gurnata ta' wara u titwahhal il-gimgha ta' wara.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.25 (27) u saqsa kif inqata' l-appell. Is-Sindku wiegeb li l-appell kien ghadu jrid jinstema'. Il-Vici Sindku saqsa jekk il-Kunsill ressaqx risposta ghall-appell tieghu. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li r-risposta titressaq dakinhar li jinstema' l-appell.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.4 (27) u nforma li bhalma kien iddecieda l-Kunsill, kienet inghatat plakka lis-Sinjura Margareth Roberts fl-gheluq-il mitt sena taghha. Is-Sindku Nigel Holland saqsa meta kien gie nformat il-Kunsill biex issir iz-zjara lis-Sinjura roberts minhabba li hu kien ircieva in-notifika tard wisq u b'konsegwenza ma setax jattendi. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien gie nformat lejliet l-okkazjoni. Is-Sindku qal li jkun tajjeb li l-Kunsill ikun informat qabel sabiex il-kunsillieri jkunu jistghu jattendu.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.5 (27) u qal li wara li kienu ntalbu diversi kwotazzjonijiet sabiex jitranga l-gandott, dawn kienu ghaljin wisq u ghalhekk kien gie deciz li jintuzaw l-istess kaptelli u li jitnaddaf il-gandott kollu mill-haddiema tal-Kunsill.

2.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.6 (27) u qal li kien cempel lil Road Servicing sabiex jinformahom bl-isprall li hemm hdejn Hall C hdejn Transport Malta. Il-Kunsillier kompla billi nforma li l-kuntrattur kien qallu li kien ser imur dakinhar u jaghtih risposta.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja nru 4.7 (27) u saqsa jekk kinietx intalbet il-kwotazzjoni ghall-isprall. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li san l-isprall kien sar. Is-Sindku qal li kien hemm bzonn li l-Kunsill jerga' jitkellem mar-residenta biex jekk hemm bzonn, jerga' jsir sew.

**Nota: 17:50 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien wasal iz-zmien sabiex il-Kunsill igedded il-group health policy. Is-Sindku Nigel Holland, l-Vici Sindku Matthew Paris u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformaw li huma ma kienux interessati. Ghalhekk il-Kunsill qabel li l-polza ghandha tiggedded ghall-kumplament tal-kunsillieri u l-impjegati tal-Kunsill.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'ittra minbghuta minn KDF Ltd. fejn ressaq oggezzjoni ghall-ittra mibghuta mill-Kunsill rigward l-gheluq tal-gonna. Is-Sindku Nigel Holland qara din l-ittra u kompla billi qal li l-Kunsill ma kienx obbligat li jipprovdi ritratti lill-kuntrattur ladarba n-nuqqasijiet kienu gew ikkonfermati mill-kunsillieri.

**Nota: 18:00 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

3.2.1 Is-Sindku ghamel riferenza ghal dak li qal il-kuntrattur fl-ittra fejn semma d-diversi okkazzjonijiet li l-Kunsill kien jibghatu jmur jixghel id-dawl tal-gnien. Is-Sindku informa li l-kuntratt kien jistipula li l-kuntrattur jista' jkun mitlub jixghel id-dawl tal-gonna u ghalhekk it-talba tal-Kunsill kienet inkluza fil-kuntratt.

3.2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li jinhareg default notice, u jitnaqssu il penalitajit ta €25 ghall kull nuqqas, ghan-nuqqasijiet ikkonfermati mill-kunsillieri, li jammontaw ghal sitt ijiem differenti. Il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, DSH, NH, ET, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sorijiet tal-Orsolini fejn talbu permess biex jorganizzaw attivita' fuq il-Fosos fejn ser jiehdu sehem artisti barranin. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li tintalab approvazzjoni mill-entitajiet kollha necessarji bil-ligi u bil-kundizzjonijiet tal-Kunsill tas-soltu.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-ETC kienu nformaw li s-Sur Carmel Debattista ma setax jippartecipa fl-iskema tal-ETC ghall-Kunsilli. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jibghat l-offerti tas-servizz ta' tindif rcevuti lill-Accountant tal-Kunsill sabiex jigu evalwati. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu decizjoni fil-laqgha li jmiss.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghad-dokumenti tat-tribunal li jinzammu fid-Dar tal-Kunsill. Huwa kompla billi qal li minkejja li c-citazzjonijiet m'ghadhomx f'idejn il-Kunsill, l-ufficjali kienu baqghu igibu d-dokumenti tat-tribunal fid-Dar tal-Kunsill u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jitlob lir-Regjun Xlokk sabiex jigbor dawn id-dokumenti fi zmien gimgha. Il-Kunsill qabel mal-proposta ladarba l-Kunsill ma kellu l-ebda beneficcju mic-citazzjonijiet u ghalhekk dawn id-dokumenti ma kienu tal-ebda uzu ghall-Kunsill.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Kazin tal-Banda Vilhena, kienu ser jorganizzaw wirja ta' affarijiet relatati ma' San Publju u talbu lill-Kunsill sabiex jislifhom l-abbozz tal-ark tal-festa li jinsab fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Malta Communications Authority fejn offrew lill-Kunsill sabiex jiehu sehem fit-tahrig tac-cittadini u joffri korsijiet tal-kompjuter b'xejn. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Arcipriet fejn offra lill-Kunsill biex b'mod kongunt jiehu sehem fl-attivita' ta' San Publju li ser issir fl-Ghasri, total ta' €180. Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza l-attivita' konguntament.

3.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma kinietx tajba hafna u qal li kull ma jigi allokat ghal dawn l-attivitajiet ser ikollu jitnaqqas mill-progetti kapitali jew minn attivitajiet ohra.

3.8.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu jhoss li jkun ahjar li l-Kunsill ikollu kalendarju ta' attivitajiet li ser jigu organizzati b'mod kongunat mal-ghaqdiet u dan anke biex il-Kunsill ikun jista' jaghmel budget.

3.8.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jibghat ittra lill-ghaqdiet kollha

sabiex jipproponu attivita' wahda li tista' tittella' konguntament mal-Kunsill izda l-proposta ma ntlaqitx.

3.8.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jalloka sa massimu ta' €3000 ghall-attivitajiet li jigu organizzati b'mod kongunt mal-ghaqdiet, bil-kundizzjoni li s-sehem tal-kunsill ma kull ghaqda ma teccediex is-somma ta' €300. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kunvent tal-Kapuccini fejn offrew lill-Kunsill sabiex jippubblika Kurunelli flimkien maghhom. Il-Kunsill qabel sa massimu ta €300

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kwistjoni tal-falsifikazzjoni ta dokumenti minghand Owen Borg u nforma lill-Kunsill bir-risposta moghtija mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-manutenzjoni ta' dawl fit-toroq fejn il-Kunsill ghandu jiddeciedi jekk johrogx sejha ghall-kumitat ladarba l-kumitat l-iehor kien gie xolt. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ghalih ghal din is-sena.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Carmel Farrugia rigward il-gurnata ta' tahrig. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li l-ftehim jiggedded kull sitt xhur.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Prof. Oliver Friggieri fejn offra li jaghti lill-Kunsill ammont ta' kotba ppublikati minnu. Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' l-offerta' u jirringrazzja lill-Prof. Oliver Friggieri ghall-generozita' tieghu. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jistieden lill-Prof. Friggieri ghar-riceviment annwali tal-21 ta' Jannar sabiex l-ghotja tkun tista' ssir dakinhar.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-istedina tal-Kumitat tas-Socjeta' Vilhena ghall-quddiesa ta' radd-il hajr fl-okkazjoni tal-140 Anniversarju mit-twaqqif tas-Socjeta.

## <u>4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku rigward il-kwistjoni ta' Justin Attard u jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku wiegeb li s-Sur Attard kien donnu accetta t-tort izda kien qed jikkontesta l-ammont dovut.

4.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa rigward il-kawza li l-Kunsill ghandu kontra l-PN rigward bankijiet neqsin minn fuq il-Fosos. Is-Sindku wiegeb li l-partit ma kienx irrisponda u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-Avukat tal-Kunsill sabiex irendi l-kawza ezegwibbli.

4.3 Is-Sindku nforma li rigward il-kawza ma' DJS Trading, il-Kunsill kien qed jitkellem mal-Pulizija ghalkemm ma setax jifhem ghalfejn kien qed ikun hemm dewmien twil biex iressquh il-qorti.

4.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk il-Kunsill kienx ghamel kuntatt mal-Ministru Karmenu Vella rigward il-fanali ornamentali. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din il-materja ghandha tigi diskussa iktar tard fil-materja tal-Isle of MTV.

4.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien gie avvicinat minn resident rigward ipparkjar fuq sprall fi Trejqet l-Imhazen c/w Triq l-Imhazen u saqsa jekk jistax isir xi haga. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir planter jew bollard sabiex ma jkunx jista' jibqa' jsir ipparkjar.

4.6 Il-Kunsillier Edward Torpiano saqsa jekk il-Kunsill kienx ircieva risposta rigward it-twahhil ta' bollards fi Triq il-Miratur. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li s'issa ma kien ghad hemm l-ebda risposta.

**Nota: 18:30 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill bil-minuti tas-Sottokumitat ghall-Ordni pubbliku, Harsien tac-Cittadin u Relazzjonijiet mal-Pulizija. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jigu ccirkolati sabiex jigu approvati fil-laqgha li gejja.

5.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill b'ilment imressaq minn membru tas-sottokumitat rigward hmieg li thalla fit-triq miz-zwiemel tal-Pulizija tal-kavallerija fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq l-ilment u r-ritratti lill-Kummissarju tal-Pulizija.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq artiklu mill-Malta Independent datata 5 ta' Jannar 2014 fejn il-Kunsill Lokali Floriana kien wiehed mill-aktar kunsilli efficjenti fiz-zamma tal-minuti online. Il-Kunsill irringrazzja tas-servizz efficjenti.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 88-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni ghall-fatt li hu kien talab sabiex titnaqqas mill-pagament tieghu, l-allokazzjoni taz-zewg laqghat li ma kienx attenda ghalihom. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ser jiehu hsieb jaggusta dan.

7.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kien ser jastjeni mill-vot fuq pagament nru 10.

**Nota: 18:38 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

7.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11760-11763 u nru 0029-0037, u b'aggustament fil-hlas tal-Vici Sindku, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, MP, ET, DSH, NH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghan-nuqqas ta' dawl li hemm fil-garage mikri mill-Kunsill u saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li tigi nstallata s-sistema tal-elettriku fil-garage. Il-Kunsill qabel.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Performance Appraisal Reports tal-Impjegati tal-Kunsill

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghal-approvazzjoni il-performance appraisal reports tal-iskrivani u tal-haddiem manwali.

**Nota: 18:42 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ta r-rendikont tal-appraisal reports ta' kull impjegat u ta wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tieghu.

9.3 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-impjegat manwali ghandi jigi mghoti il-bonus skond l-appraisal li sarlu

**Nota: 18:42 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

9.4 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland favur l-approvazzjoni tal-ghoti tal-massimu ta' 6% tal-performance bonus lill-erbgha impjegati tal-Kunsill, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, DSH, VB, MP, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Performance Appraisal Report tas-Segretarju Ezekuttiv

10.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Performance Appraisal Report tas-Segretarju Ezekuttiv.

10.2 Is-Segretarju Ezekuttiv talab li jkun skuzat sabiex, ghaldaqstant il-laqgha giet xolta sakemm damet id-diskussjoni.

10.3 Is-Sindku rega fetah il-laqgha u qal li l-impenn tas-Segretarju Ezekuttiv kien wiehed tajjeb hafna u kien jesegwixxi x-xoghol tieghu sew.

10.4 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland favur l-approvazzjoni tal-ghoti tal-massimu ta' 10% tal-performance bonus lis-Segretarju Ezekuttiv, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, DSH, VB, MP, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

10.5 Is-Sindku kompla billi rringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv, lill-istaff amministrattiv u lill-istaff manwali tal-hidma u s-servizz taghhom.

## 11.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien irnexxielu jzomm marginalment mal-ispiza li kien ikkalkula u li ghaliha kien ghamel budget.

11.2 Is-Sindku kompla billi qal li l-attivita' ta' din is-sena kienet dizappunt minhabba l-andament ta' kif il-gvern centrali kien ittratta din il-materja, mhux daqstant ghas-Segretarju Parlamentari José Herrera, ghax kien wiehed mill-ewwel li fehem il-punt tal-Kunsill rigward l-allokazzjoni, izda wera d-dizapprovazzjoni lejn il-V18 li ma kienux zammu mal-weghda li ghamlu lill-Kunsill li l-attivita' tinghata pubblicita' xierqa.

11.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa x'kienu fissru biha l-kelma pubblicita' meta l-Kunsill kien iltaqa' mar-rapprezentanti tal-V18.

11.4 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal riklam li sar fit-Times of Malta u ma jafx jekk kienux saru riklami ohra bhal fuq it-televizjoni qabel l-ahbarijiet.

11.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu xorta wahda jikkontesta l-punt imqajjem waqt il-laqgha mar-rapprezentant tal-V18 fejn inghad li l-flus kienu gew allokati ghac-celebrazzjoni organizzata fil-Belt Valletta minhabba li jhoss li kellhom jigu allokati wkoll fondi ghac-celebrazzjoni organizzata fil-Floriana.

11.6 Is-Sindku qal ukoll li dakinhar li saret il-konferenza stampa, hu kien cempel lis-Segretarju Parlamentari Jose' Herrera u talab laqgha urgenti mieghu u mas-Sur Jason Micallef izda ma kien ircieva l-ebda risposta rigward din it-talba u kien biss meta l-Kunsill iddecieda li jsejjah konferenza stampa hu li l-Kunsill kien gie moghti laqgha mas-Sur Jason Micallef.

11.7 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li kien jinsab iddizapuntant miz-zjara tradizzjonali li ssir mis-Segretarju Parlamentari dakinhar ta-preparamenti. Huwa qal li s-Segretarju Parlamentari kien mar il-Belt Valletta izda ma kienx zar il-lokalita' tal-Floriana.

11.8 Is-Sindku qal li t-temp kien lab ukoll parti negattiva fl-attendenza tan-nies.

11.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li il-gvern centrali huwa propens li jidhol iktar fl-attivita' tal-Belt Valletta milli f'dik tal-Floriana. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill ma seta' qatt johodha kontra l-gvern minhabba li r-rizorsi tal-Kunsill huma ferm inqas minn dawk tal-gvern centrali u ghalhekk ihoss li l-Kunsill m'ghandux ikompli jorganizza din l-attivita'.

11.10 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jhoss li jekk il-Kunsill jiddeciedi li l-attivita' ghandha terga' sirr, il-Kunsill ghandu jitlob l-ghajnuna tal-Gvern Centrali mill-aktar kmieni.

11.11 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien hemm stazzjonijiet li lanqas semmew l-attivita' tal-lokalita' minkejja li kienu semmew l-attivita' tal-Belt Valletta.

11.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kulhadd kien iddizappuntat bir-rizultat tal-attivita' inkluz is-sidien tal-hwienet li ma kienu ghamlu profitt ta' xejn.

11.13 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li hu jaqbel li ghandha tibqa' tigi organizzata l-attivita' izda ghandha tittella' mhux b'sens ta' kompetizzjoni mal-Kunsill Lokali Belt Valletta izda jekk it-temp ikun jippermetti, il-Kunsill ghandu jkun kuntent li n-nies gew u li l-Kunsill kien ha pjacir jorganizza l-attivita'.

11.14 Il-Kunsillier Torpiano qal li hu kien iddizappuntat bil-filmati murija fuq it-televizjoni.

11.15 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-Kunsill kien anke wasal f'punt fejn ma baqax jitlob flus izda biss rizorsi u affarijiet li kienu diga disponibbli ghall-entitajiet lil min kien qed jitlobhom.

11.16 Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju m'ghandux jikkometti ruhu u m'ghandux jiddeciedi ghalissa jekk ghandiex terga' tittella' l-edizzjoni ta' din is-sena.

**Nota: Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet mozzjoni sabiex tinbidel l-ordni tax-xoghol, u il-materja nru 17.0, Isle of MTV tiġi diskussa dak il-hin, issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-materja nru 17 tiġi diskussa wara l-materja nru 11.**

## 17.0 Isle of MTV

17.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li ironikament, l-organizzaturi tal-Isle of MTV kienu talbu l-permess ghall-attivita' ftit jiem biss qabel ma deher l-artiklu fuq il-gazzetta "The Times of Malta" fejn gie kwotat il-Vici Sindku Matthew Paris fil-harga tat-2 ta' Jannar 2014.

17.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab sabiex ikun jista' jaghti l-ispjegazzjoni tieghu rigward l-artikli li dehru ricentement fil-gazzetti lokali dwar l-attivita` ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Isle of MTV.

17.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma thossx li avveniment kellu jithallat m'iehor u qalet ukoll li kumment personali ma kienx jirrifletti l-pozizzjoni tal-Kunsill kollu.

17.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li meta hu kien ta l-intervista tieghu, kien ikkwotat hazin fl-artikli minhabba li fl-intervista tieghu hu kien qal li ma jikkondividiex l-opinjonijiet tal-Vici Sindku hekk kif kien irrapurtat ghax ma jemminx li z-zewg attivitajiet kellhom jithalltu. Huwa qal ukoll li l-gazzetta zbaljat meta l-opinjoni ta` wiehed giet impingija bhala pozizzjoni ufficjali tal-Kunsill, izda minn dan kollu l-gurnalist in kwistjoni ma kkwota xejn.

17.5 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li hu jhoss li l-Isle of MTV ghandu jibqa' jsir fuq il-Fosos bil-kundizzjonijiet kollha li jsiru ssoltu. Huwa kompla billi qal li f'Kunsilli precendenti, il-kunsillieri kienu hadmu hafna biex izommu dan il-kuncert fil-lokalita' minhabba li kienu jemmnu li jghin lill-ekonomija tal-Floriana. Il-Kunsillier Torpiano qal ukoll li minn snin passati s'issa kien sar progress enormi sabiex jitnaqqsu l-inkonvenjenzi ghalkemm ihoss li l-inkonvenjenzi ma setghu qatt jigu eliminati mija fil-mija.

17.6 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jiftakar li fis-snin imghoddija, hu kien irsista hafna sabiex ir-residenti ikunu intitolati ghal aktar sigurta' matul dan l-avveniment. Il-Kunsillier Borg qal ukoll li jhoss li l-mobile toilets ghandhom ikunu mdawwlin minn gewwa u dan minhabba li hadd ma kien ser juza toilets li jkunu fid-dlam cappa.

17.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu wkoll kien insista dwar il-mobile toilets u jiftakar li s-sena l-ohra, kien esiega li l-mobile toilets ta quddiem l-iskola jitnehhew immedjatament wara l-attivita' izda xorta wahda kienu baqghu hemmhekk sal-ghada filghodu. Is-Sindku Nigel Holland irrimark li kien zball izda li l-Vici Sindku Paris kien ta parir biex dawn jitpoggew quddiem il-bieb tal-iskola u kien gibed l-attenzjoni dakinhar stess.

17.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jixtieq ifakkar li ma kienx hu li kkuntattja lill-gurnalista kkoncernat izda kien il-gurnalista li kien ikkuntattja lilu sabiex jaghtih intervista. Il-Vici Sindku kompla billi qal li hu kien semplicimant wiegeb ghall-mistoqsijiet li kien ghamillu l-gurnalist.

17.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris kompla billi qal li t-titlu tal-artiklu m'huwiex riflessjoni tal-artiklu kif wiehed jista' jara mill-kontenut tal-artiklu. Il-Vici Sindku qal li wara li wiehed jaqra l-artiklu, jidher fic-car li la hu u lanqas il-Kunsill ma kien qed jhedded lill-hadd.

17.10 Il-Vici Sindku qal li l-assimilazzjoni bejn zewg attivitajiet kienet saret minhabba li jhoss li l-lokalita' ghandha tigi ttrattata dejjem l-istess u mhux tintuza b'mod ta' "usa e getta" skont il-bzonn tal-gvern.

17.11 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li din ma kinietx kwistjoni ta' partiggjanizmu minhabba li hu jhoss li jekk kien qed jikkritika lil xi hadd, hu kien qed jikkritika lill-amministrazzjoni precedenti u mhux lill-amministrazzjoni prezenti.

17.12 Il-Vici Sindku kompla billi qal li hu ma kienx qed jirreferi biss ghall-Isle of MTV izda ghall-attivitajiet ta' massa kollha li jittellghu fuq il-Fosos bhalma huma l-Indipendenza u l-mass meetings taz-zewg partiti.

17.13 Il-Vici Sindku Paris qal ukoll li meta tkellem mal-gurnalista, kien semmielu l-fanali ta' fuq il-Fosos li minkejja li nqalghu, sal-gurnata prezenti kienu baqghu ma twahhlux. Il-Vici Sindku qal li lill-gurnalist kien qallu li minkejja li l-Kunsill tkellem mal-Ministru Vella u li minkejja li l-ministru kien wieghed li ser jintervjeni direttament hu, il-Kunsill kien baqa' ma nghata laqgha ma' hadd u l-fanali ghadhom ma twahhlux.

17.14 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kull ma kien qal hu kondiviz mill-Kunsill kollu u ma jhossx li kien gust li l-gurnalista Ivan Martin kien amplifika biss parti zghira minn dak kollu li kien qal u li ma kienx ha l-kuntest kollu.

17.15 Il-Vici Sindku qal li l-artiklu fih innifsu huwa wkoll kontradittorju minhabba li hin minnhom jghid li hu kien qed jghid li l-Gvern qatt ma ta ghajnuna u ftit 'l isfel jghid li hu qal li l-Gvern kien ghen.

17.16 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-gurnalista naqas milli jsemmi wkoll il-pubblicita' li l-Kunsill kien gie mwieghed ghall-attivita` izda li ma kinietx giet moghtija.

17.17 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-Kunsill kien ta Stqarrija Stampa bil-pozizzjoni tieghu u zied jghid ukoll li dak hu kien elenka fl-intervista, kien jirrifletti l-pozizzjoni tal-Kunsill li wera matul id-diskussjonijiet li saru fil-laqghat precedenti.

17.18 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-ghoxrin laqgha tal-Kunsill b'mod partikolari ghall-materja nru 19 fejn qara siltiet mill-minuti tad-diskussjonijiet tal-Kunsill rigward il-kuncert Isle of MTV.

17.19 Il-Vici Sindku qal li hlief ghall-eskluzjoni ta' Edward Torpiano li ma kienx ghadu jifforma parti mill-Kunsill dakinhar tal-laqgha, dawn il-minuti jirriflettu l-pozizzjoni u l-hsibijiet tal-kunsilliera kollha.

**Nota: 19:42 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

17.20 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-argumentazzjoni finali kollha hija li jekk xi hadd jaghmel uzu mil-lokalita', ghandu jhalli l-lokalita' kif ikun sabha u hu ser ikompli jesiegi dan fl-interess tar-residenti u ta' kulhadd.

**Nota: 19:45 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

17.21 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li grazzi ghal dan l-artiklu jemmen li s-sitwazzjoni ghandha titjieb u kompla jsostna li bi kliemu, hu ma kienx mar kontra l-pozizzjoni tal-Kunsill.

17.22 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li ghandha ssir differenza meta kunsillier ikun ikkuntattjat mill-media, jekk ikunx qed jitkellem f'ismu jew f'isem il-Kunsill kollu.

17.23 Il-Vici Sindku kompla billi qara wkoll artiklu mill-inewsmalta tas-27 ta Gunju 2013 li jikkwota lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili tikkundana agir irrisponsablli ta nies li jaghmlu il-bzonnijiet taghhom fuq il karozzi u mal-bibien tar-residenti.

17.24 Il-Vici Sindku qal li hu ma jhossx li l-Isle of MTV huwa avveniment nazzjonali.

17.25 Rigward jekk l-Isle of MTV hux avveniment nazzjonali, kien hemm reazzjonijiet varji fejn il-Kunsillier Vincent Borg sostna li l-kuncert kien avveniment nazzjonali.

17.26 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jaqbilx li dan il-kuncert huwa avveniment nazzjonali u dan minhabba li avveniment nazzjonali huwa avveniment organizzat esklussivament mill-Gvern kif ukoll avveniment li jirrepeti ruhu ghax jaghmel parti mill-istorja u t-tradizzjoni tal-pajjiz bhall-festi nazzjonali, il-Karnival, etc.. B'konsegwenza, tali avvenimenti ma jirrikjedu l-permess ta' ebda kunsill bhalma ma jirrikjedu l-ebda permess l-Indipendenza, Jum ir-Repubblika, ecc. Is-Sindku irrimarka ukoll li dan il-kuncert huwa kuntrattwat ma organizzaturi barranin, u ghaldaqstant mhux nazzjonali tal-pajjiz ghax facilment tista tittiehed decizjoni 'l quddiem li ma jibqax isir f'Malta, u ghaldaqstant dan jixhed li mhux avveniment nazzjonali. Zied jghid ukoll, li qatt ma kien meqjus bhala avveniment nazzjonali, u rizultat ta' dan l-MTA dejjem talbet u hallset ghall-permess

17.27 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-kunsillieri ghandhom joqghodu attenti li ma jtellghux l-aspettattivi tan-nies li mhux ser ikun hemm iktar inkonvenjenzi, ghax li jigu eliminati kollha huwa prattikament impossibli.

17.28 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lill-Vici Sindku Paris x'passi kien ha biex jikkoregi l-artiklu li kien gie ppublikat mit-Times of Malta. Il-Vici Sindku wiegeb li hu kien mar fuq it-televizjoni diversi drabi fejn spjega l-pozizzjoni tieghu u dak li kien verament intqal. Huwa ggustifika dan billi qal li hass li t-televizjoni kien l-ahjar mezz minhabba li l-intervista tkun wahda rrekordjata u ghalhekk wiehed ma setax ibiddel b'mod differenti dak li jkun qieghed jintqal.

17.29 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill ghandu jiltaqa' ma Carina Dimech obo. Malta Tourism Authority dik il-gimgha u heggeg lill-kunsillieri kollha sabiex jigu ghal-laqgha sabiex ikunu jistghu iressqu l-proposti u s-suggerimenti kollha taghhom.

17.30 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien importanti li l-Kunsill imur b'pozizzjoni unika quddiem kull entita' fejn il-Kunsill jista' jimponi kundizzjonijiet ulterjuri ladarba kien il-Kunsill li johrog il-permess.

17.31 Is-Sindku Nigel Holland qal li ghall-kuntrarju ta' dak li ntqal, kienu l-Pulizija li jistennew li jinhareg il-permess tal-Kunsill qabel johorgu l-permess taghhom u mhux bil-maqlub.

17.32 Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi mal-ligi u jekk il-ligi sa issa tghid li ghandu jintalab permess mal-Kunsill, allura ghandu jibqa' jsir hekk. F'kaz li jkun hemm xi bidla fil-ligi, il-Kunsill qabel li ghandu jimxi mal-bidliet fil-ligi, kif dejjem ghamel.

17.33 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk l-MTA kinietx talbet permess mill-Kunsill fis-snin precedenti. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li fis-snin kollha, il-permess kien mitlub mill-MTA,

inqata' u thallas fl-ufficcju tal-Kunsill.

17.34 Ghalhekk il-Kunsill qabel li bhalma sar kull sena, ghandu jiehu decizjoni finali rigward il-hrug ta' permess ghal dan il-kuncert wara li tkun inzammet il-laqgha mal-organizzaturi u wara li jkunu gew diskussi l-proposti f'aktar dettall.

**Nota: 20:07 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

## 12.0 Parkegg tad-Dipartiment tal-Kura Primarja

12.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill fejn il-Kunsill iddecieda li jibghat ittra lill-entitajiet kollha li kellhom parkegg riservat li mhux skont il-linji gwida ta' Transport Malta.

**Nota: 20:09 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

12.2 Is-Sindku fakakr li l-Kunsill ghandu jiltaqa' mal-Kurja u jinformahom waqt il-laqgha bit-tnehhija tal-parkegg riservat taghhom qabel ma tintbaghat l-ittra. Il-Kunsill qabel.

## 13.0 Bankini u Asfaltar Balzunetta

13.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li saru xi hsarat zghar f'saqaf ta' sprall li kien gie moghtti mill-Kurja fi Triq l-Iljun. Dakinhar stess kien iltaqa' mal-Perit u nforma li kien hemm talba biex isir saqaf gdid minhabba li parti minnu kienet sfrundat.

13.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jalloka parti mill-budget ghaz-zewg nahat ta' Triq il-Konservatorju li ghad baqa jsirilhom il-bankini bic-cangatura tal-porfido, kif ukoll it-twahhil tal-bollards.

13.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris informat lill-Kunsill li nhar it-Tlieta kien ser jibda' l-bush hammering tal-bankini ta' Triq il-Kapuccini.

## 14.0 Tmiegh ta` qtates

14.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn wahda mill-cat feeders li kienet talbet sabiex il-Kunsill jiffinanzja xi ftit mill-ikel tal-qtates li jintuza ta' kuljum.

14.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien avvicina lill-istess cat feeder minhabba li kien ircieva xi rapporti li kienet qed thalli l-ikel tal-qtates jigri u li kienet qed titma' l-qtates fuq ic-cint.

14.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-flus li jingabru mill-coffee mornings jinghataw lil din il-cat feeder minflok xi wahda mill-ghaqdiet, izda il-proposta ma ntlaqghetx

14.4 Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jilqa' t-talba tar-residenta minhabba li ma kienx f'pozizzjoni li johrog flus ghall-ikel tal-qtates.

## 15.0 Jum il-Housing

15.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi ppropona li minflok dak li jsir issoltu, issir walk about li ghaliha jigi mistieden il-ministru u l-kontraparti tieghu, il-korpi kostitwiti relevanti, ecc. u li matulha, il-Kunsill izur erbgha siti fil-lokalita' u jispjega dak li ghandu f'mohhu ghal kull sit.

15.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien wasal iz-zmien fejn il-Housing ma nillimitawhx biss ghall-housing socjali biss izda nestenduh ghall-housing privat.

15.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill jista' jaghmel konferenza stampa u jigbed l-attenzjoni ghall-blokk mibni f'Balzunetta li kien baqa' vojt u li matulha jsemmi wkoll il-fondi mweghda minn Dr Chris Said u li kienu ghadhom ma gewx moghtija lill-Kunsill.

15.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li whud mis-siti li qed jipproponi flimkien mal-kunsillier Vince Borg huma dawk tal-Polverista, Pjazza Preziosi kif ukoll il-bankina ta' Binja Vilhena.

15.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jahdem sabiex tigi organizzata l-walkabout izda jzomm fir-riserva li tissejjah konferenza stampa.

**Nota: 20:30 Il-Kunsill qabel li ghandu jestendi l-laqgha b'siegha.**

## 16.0 Jum il-Floriana

16.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien wasal iz-zmien sabiex il-Kunsill jibda' jahseb fis-sitt personaggi li ta' kull sena jinnomina ghal Jum il-Floriana.

16.2 Is-Sindku Nigel Holland fakkar li l-idea originali hu li l-personalitajiet innominati ikunu nies li jkunu ghamlu xi haga fuq livell nazzjonali u li b'konsegwenza, ghollew l-isem tal-pajjiz u tal-lokalita'.

16.3 Is-Sindku kompla billi qal li hu jixtieq jinnomina lil Guzeppi Schembri maghruf ukoll bhala t-Tripolin li kien ha award mill-UEFA.

16.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa lil Dr Michael Frendo li issa kien spicca mill-karriera politika u kien gie moghti Gieh ir-Repubblika.

16.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata iktar cans sabiex jahseb fil-personalitajiet li jixtieq jinnomina ghal din is-sena.

## 18. Aġġornament tal-laqgħa

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Erbgha 12 ta' Frar 2014 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fid-20.45.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv